MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2012

Rikors Numru. 454/2011

**AB**

**Vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi il-partijiet izzewgu fil-hmistax (15) ta’ Marzu tas-sena elf disa’ mija u sitta u tmenin (1986) (Dok A) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt ittfal R u T li huma t-tnejn maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta` sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet *AB vs CB* deciza fit-tnejn (2) ta’ Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (Dok B);

Illi l-kawza ta’ separazzjoni personali ta’ bejn il-partijiet kienet giet pprezentata mill-intimata CB fl-14 ta’ Dicembru 2005 u kienet giet deciza mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-3 ta’ Ottubru 2008;

Illi il-partijiet ilhom il-fuq minn disa’ snin ma jghixu flimkien;

Illi m`hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn disa’ (9) snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi skond is-sentenza citata (Ara Dok. B anness pagna 4) l-intimata tilfet il-jedd li titlob manteniment minn zewgha r-rikorrent ai termini tal-Artikolu 48 (c) tal-Kapitolu 16 u ghaliex skont l-istess sentenza kienet u ghadha responsabbli ghal adulterju flagranti;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta` Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta’ Dicembru, 2011;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-intimata tixhed;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta’ Lulju 2010, izda ilhom ‘il fuq minn disa snin ma jghixu flimkien;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, kif ukoll huwa ipprova illi ulied il-partijiet illum il-gurnata huma it-tnejn maggorenni u illi skond is-sentenza tal-Qorti li ippronunzjat is-separazzjoni bejn il-partijiet, l-intimata tilfet id-dritt illi titlob manteniment minghand ir-rikorrenti;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------